KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-18 ta' Ġunju 2015 [1]

Kawża C-298/14

Alain Laurent Brouillard
vs
Jury du concours de recrutement de référendaires près la Cour de cassation
u
État belge

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju)]

"Moviment liberu tal-ħaddiema — Eċċezzjoni għall-"impjieg fl-amministrazzjoni pubblika" — Direttiva 2005/36/KE — Rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali — Kunċett ta' 'professjoni rregolata' — Ammissjoni għal kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' assistenti ġudizzjarji fil-Cour de cassation tal-Belġju"

1. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari joriġina minn kawża pendenti quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju; iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") li fiha ċittadin Belġjan, A. L. Brouillard, jikkontesta d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla ta' kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' assistenti ġudizzjarji fil-Cour de cassation (il-Qorti ta' Kassazzjoni, il-Belġju) li ċaħditlu aċċess għal dak l-eżami. Il-motiv għal dik id-deċiżjoni kien li A. L. Brouillard ma għandux il-kwalifiki akkademiċi meħtieġa sabiex wieħed japplika għal dik il-pożizzjoni, jiġifieri grad ta' dottorat, liċenzjat jew master fil-liġi mogħtija minn università Belġjana jew grad miksub barra mill-pajjiż u rrikonoxxut bħala ekwivalenti mill-awtorità kompetenti fil-Belġju.

2. A. L. Brouillard essenzjalment isostni li d-diplomi tiegħu, inkluż grad ta' speċjalizzazzjoni ta' sena bħala ġurist-lingwist mogħti minn università Franċiża, flimkien mal-esperjenza professjonali tiegħu fis-servizz ta' dokumentazzjoni u allinjament ta' testi tal-Cour de cassation [2], kienu jagħtuh il-kwalifiki professjonali meħtieġa. Huwa jsostni li l-Bord tal-Għażla, meta llimita ruħu għall-eżami tal-kwalifiki akkademiċi tiegħu, injora kemm id-dritt tiegħu għal moviment liberu bħala ħaddiem, kif ukoll is-sistema tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "UE") ta' rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

3. Il-qorti tar-rinviju titlob gwida mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-Artikoli 45 u 49 TFUE u d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali [3], jekk huma applikabbli fil-kawża prinċipali, kinux jipprekludu lill-Bord tal-Għażla milli jiċħad lil A. L. Brouillard aċċess għall-kompetizzjoni minħabba li ma kellux il-kwalifiki akkademiċi meħtieġa, mingħajr ma jivverifika jekk id-diplomi tiegħu, flimkien mal-esperjenza professjonali tiegħu, kinux jagħtuh esperjenza professjonali ekwivalenti.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Dak is-servizz huwa responsabbli, *inter alia*, għat-traduzzjoni ta' sentenzi u konklużjonijiet fil-lingwi uffiċjali tal-Belġju u għall-verifika tal-konsistenza bejn verżjonijiet differenti ta' dawk id-dokumenti.

3 — ĠU L 255, p. 22, kif l-aħħar emendata, fiż-żmien rilevanti fil-kawża prinċipali, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 213/2011, tat-3 ta' Marzu 2011, li jemenda l-Annessi II u V tad-Direttiva 2005/36 (ĠU L 59, p. 4).

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

TFUE

4. Filwaqt li l-Artikolu 45 TFUE jiggarantixxi moviment liberu lill-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 45(4) TFUE jgħid li dak l-artikolu ma japplikax għal impjieg fl-amministrazzjoni pubblika.

5. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 TFUE jipprojbixxi restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Id-Direttiva 2005/36

6. Id-Direttiva 2005/36 hija intiża sabiex tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni (għaldaqstant anki l-ħaddiema) u tas-servizzi fl-Unjoni Ewropea [4]. Hija tagħti lill-persuni li jkunu kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru wieħed id-dritt ta' aċċess u li jeżerċitaw l-istess professjoni fi Stat Membru ieħor, bla ħsara għall-konformità ma' kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, iġġustifikati oġġettivament u proporzjonati għall-eżerċizzju ta' dik il-professjoni stabbiliti mill-Istat Membru msemmi l-aħħar [5].

7. Id-Direttiva 2005/36 hija bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikolu 45(4) TFUE [6].

8. Skont l-Artikolu 1 ("Għan"), jekk Stat Membru jissuġġetta l-aċċess għal, jew l-eżerċizzju ta', professjoni rregolata fit-territorju tiegħu għall-kundizzjoni ta' pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, huwa jkun jeħtieġlu jirrikonoxxi kwalifiki professjonali miksuba fi Stat membru wieħed jew iktar, li jippermettu lill-persuna li jkollha dawk il-kwalifiki teżerċita l-istess professjoni hemmhekk, għal aċċess għal, u eżerċizzju ta', dik il-professjoni [7].

9. L-Artikolu 3(1) jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"(a) 'professjoni [r]regolata': attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali, li l-aċċess għalihom, l-eżerċizzju tagħhom, jew wieħed mill-modi ta' l-eżerċizzju tagħhom huma soġġetti, direttament jew indirettament, permezz ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi; b'mod partikolari, l-użu ta' titolu professjonali limitat minn dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi lil titolari ta' kwalifiki professjonali għandu jikkostitwixxi mod ta' eżerċizzju. […]

(b) 'kwalifiki professjonali': kwalifiki attestati minn prova ta' kwalifiki formali, attestazzjoni ta' kompetenza kif imsemmija fis-subparagrafu (i) tal-punt (a) ta' l-Artikolu 11 u/jew esperjenza professjonali;

(ċ) 'prova ta' kwalifiki formali': diplomi, ċertifikati u provi oħra maħruġa minn awtorità fi Stat Membru nominata skond dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amminstrattivi ta' dak l-Istat Membru u li jiċċertifikaw it-temma b'suċċess ta' taħriġ professjonali miksub prinċiparjament [fl-Unjoni Ewropea]. […]

4 — Premessa 1 tad-Direttiva 2005/36.

5 — Premessa 3.

6 — Premessa 41.

7 — Dak l-għan jikkorrispondi ma' dak tad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 337), li tħassret permezz tad-Direttiva 2005/36. Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, C-286/06, EU:C:2008:586, punt 71.

[…]

(e) ‘edukazzjoni u taħriġ regolat’: kull taħriġ li huwa speċifikatament intiż għall-eżerċizzju ta’ professjoni speċifika u li jkun fih kors jew korsijiet komplimentati, fejn jixraq, b’taħriġ professjonali, jew bi prattika bi prova jew professjonali. […]

[…]”

10. L-Artikolu 4 jirrigwarda l-effetti tar-rikonoxximent u jipprevedi:

“1. Ir-rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali mill-Istat Membru ospitanti jippermetti lill-benefiċjarju sabiex jikseb aċċess f’dak l-Istat Membru għall-istess professjoni bħal dik li huwa kwalifikat fiha fl-Istat Membru ta’ l-oriġini u sabiex jeżerċitaha fl-Istat Membru ospitanti taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu.

2. Għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva, il-professjoni li l-applikant jixtieq li jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti hija l-istess bħal dik li huwa kwalifikat fiha fl-Istat Membru ta’ l-oriġini jekk l-attivitajiet koperti huma paragunabbli.”

11. Skont l-Artikolu 13(1) (“Kondizzjonijiet għal rikonoxximent”), li jirrigwarda s-sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta’ prova ta’ taħriġ, “[j]ekk l-aċċess jew l-eżerċizzju ta’ professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti huwa kontinġenti fuq il-pussess ta’ kwalifiki professjonali, l-awtorità kompetenti ta’ dak l-Istat Membru għandha tippermetti l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta’ dik il-professjoni, taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu, lil applikanti li għandhom l-attestazzjoni ta’ kompetenza jew provi ta’ kwalifiki formali meħtieġa minn Stat Membru ieħor sabiex jiksbu l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta’ dik il-professjoni fit-territorju tiegħu. [...].”

12. Skont l-Artikolu 14(1), l-Artikolu 13 ma jipprekludix lill-Istat Membru ospitanti milli jitlob li applikant għal rikonoxximent jikkompleta perijodu ta’ adattament ta’ massimu ta’ tliet snin jew li jagħmel test ta’ kapaċità b’mod partikolari jekk (i) it-taħriġ li l-applikant ikun irċieva jkopri sustanzjalment suġġetti differenti minn dawk koperti mill-provi ta’ kwalifiki formali meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti, jew (ii) il-professjoni rregolata fl-Istat Membru ospitanti tkun tinkludi attività professjonali rregolata waħda jew iktar li ma tkunx teżisti fil-professjoni korrispondenti fl-Istat Membru tal-oriġini tal-applikant, u t-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti jkun ikopri suġġetti sustanzjalment differenti minn dawk koperti mill-attestazzjoni ta’ kompetenza jew mill-provi ta’ kwalifiki formali. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(3), l-Istat Membru ospitanti jista’ jistipula perijodu ta’ adattament jew test ta’ kapaċità għal professjonijiet li l-eżerċizzju tagħhom ikun jeħtieġ għarfien preċiż tal-liġi nazzjonali u li jkunu jikkonsistu essenzjalment u b’mod kostanti fl-għoti ta’ pariri u/jew għajnuna dwar id-dritt nazzjonali.

Id-dritt Belġjan

13. Skont l-Artikolu 135a tal-Code judiciaire (Kodiċi Ġudizzjarju), il-Cour de cassation hija assistita minn “référendaires” (assistenti ġudizzjarji) li jħejju x-xogħol tal-imħallfin u tal-membri tal-uffiċċju tal-Procureur général (Avukat tal-Kuruna Prinċipali) [8], jieħdu sehem f’attivitajiet ta’ dokumentazzjoni u fit-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta’ sentenzi u fl-allinjament ta’ testi Franċiżi u Olandiżi. L-Artikolu 259k tal-Code judiciaire jgħid li l-assistenti ġudizzjarji għandu jkollhom 25 sena jew iktar u jkollhom grad ta’ dottorat jew liċenzjat fil-liġi, li huma ekwivalenti għal grad ta’ master fil-liġi

8 — Skont l-informazzjoni disponibbli mis-sit tal-internet tal-Ministeru Belġjan għall-Ġustizzja, l-uffiċċju tal-Avukat tal-Kuruna Prinċipali tal-Cour de cassation huwa magħmul mill-Avukat tal-Kuruna Prinċipali, L-Ewwel Avukat Ġenerali u avukati ġenerali.

fil-Belġju [9]. Il-kandidati jintgħażlu abbażi ta' kompetizzjonijiet, li r-riżultati tagħhom ikunu validi għal perijodu ta' 6 snin. Skont l-Artikolu 259l, ir-Re jaħtar assistenti ġudizzjarji għal perijodu ta' prova ta' 3 snin, li fi tmiemu l-ħatra tagħhom issir finali sakemm ir-Re ma jiddeċidiex mod ieħor fuq proposta mill-Ewwel President jew mill-Avukat tal-Kuruna Prinċipali.

14. Fiż-żmien rilevanti fil-kawża prinċipali, l-Artikoli 43 u 44 tad-Digriet tal-Komunità Franċiża tal-31 ta' Marzu 2004 li jiddefinixxi edukazzjoni ogħla, jippromwovi l-integrazzjoni tagħha fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni ogħla u jiffinanzja mill-ġdid universitajiet, kienu jippermettu lill-Gvern tal-Komunità Franċiża jadotta miżuri ġenerali jew individwali li jirrikonoxxu l-ekwivalenza bejn studji kkompletati barra mill-pajjiż u kwalifiki akkademiċi mogħtija f'dik il-komunità, inkluż il-grad ta' master fil-liġi.

Il-fatti, il-proċeduri u d-domandi preliminari magħmula

15. A. L. Brouillard ilu impjegat fis-servizz ta' dokumentazzjoni u allinjament ta' testi tal-Cour de cassation għal diversi snin. Għandu grad ta' liċenzjat fit-traduzzjoni, grad fil-liġi ta' sentejn (candidature en droit) mogħti minn università Belġjana [10], grad fi studji speċjalizzati fid-drittijiet tal-bniedem ta' sena mogħti minn dik l-istess università fl-2006, u, fir-rigward tas-sena akkademika 2009-2010, grad ta' master vokazzjonali ta' sena fil-liġi, ekonomija u maniġment, id-dritt privat, speċjalizzazzjoni ta' ġurist-lingwist (iktar 'il quddiem "il-grad ta' master vokazzjonali ta' sena"), mogħti mill-Università ta' Poitiers (Franza) fit-22 ta' Novembru 2010.

16. Fl-24 ta' Mejju 2011, A. L. Brouillard irreġistra sabiex jieħu sehem f'kompetizzjoni pubblika għar-reklutaġġ ta' assistenti ġudizzjarji fil-Cour de cassation.

17. Fit-23 ta' Ġunju 2011, huwa talab rikonoxximent mill-Komunità Franċiża li l-grad ta' master vokazzjonali ta' sena tiegħu kien għalkollox ekwivalenti għal grad ta' master fid-dritt Belġjan.

18. Fis-6 ta' Settembru 2011, il-President tal-Cour de cassation innotifika lil A. L. Brouillard bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li tiddikjara l-applikazzjoni tiegħu għal reġistrazzjoni għall-kompetizzjoni inammissibbli. F'dik id-deċiżjoni, il-Bord tal-Għażla nnota li għall-ħatra ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation kienu meħtieġa grad ta' dottorat jew ta' liċenzjat fil-liġi jew grad ta' master fil-liġi mogħtija minn università Belġjana, sabiex ikun żgurat li l-kandidat ikollu l-kapaċitajiet meħtieġa sabiex jipprattika dik il-professjoni fil-Belġju. A. L. Brouillard ma kienx jissodisfa dik il-kundizzjoni minħabba li l-grad ta' master vokazzjonali tiegħu ta' sena ma kienx ġie rrikonoxxut mill-Komunità Franċiża bħala ekwivalenti għal grad ta' master fil-liġi mogħti fil-Belġju, u huwa ma kienx ħa kors ta' ekwivalenza f'università Belġjana.

9 — Artikolu 2 tal-Liġi tat-30 ta' Diċembru 2009.

10 — Qabel ir-riforma ta' Bolonja fl-edukazzjoni ogħla, il-"candidature en droit" essenzjalment kienet tkopri korsijiet ta' introduzzjoni f'għadd ta' dixxiplini legali ġenerali u kienet tikkostitwixxi fil-prinċipju prerekwiżit sabiex jinbeda l-grad ta' liċenzjat fil-liġi ta' tliet snin, li kien ikopri l-istudju tal-fergħat ewlenin tad-dritt Belġjan, kif ukoll tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u internazzjonali. Sabiex persuna tikkwalifika bħala avukat prattikanti, hija kien jeħtiġilha jkollha grad ta' liċenzjat fid-dritt Belġjan (illum grad ta' master fid-dritt Belġjan). Grad ta' bakkalawrjat ta' tliet snin u grad ta' master fil-liġi ta' sentejn illum issostitwew il-gradi ta' kandidatura u liċenzjat fil-liġi.

19. Fis-27 ta' Ottubru 2011, il-Komunità Franċiża ċaħdet it-talba ta' A. L. Brouillard għal ekwivalenza u tatu biss ekwivalenza fuq il-livell akkademiku ġeneriku ta' grad ta' master. Tali ekwivalenza tirrigwarda l-livell ta' kwalifiki akkademiċi pjuttost milli l-kontenut speċifiku ta' grad partikolari. Dik id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq opinjoni mit-taqsima tal-liġi u l-kriminoloġija tal-kumitat tal-ekwivalenza tal-Komunità Franċiża, bil-motivi li ġejjin:

"– Il-pussess ta' grad li jiċċertifika l-ikkompletar ta' studji legali juri li l-persuna li jkollha tali grad għandha l-kapaċità u l-kompetenza teknika fir-rigward tal-karatteristiċi partikolari tas-sistema legali li fiha l-grad ikun ingħata; għalhekk, studji bħal dawn li jkunu ġew ikkompletati bt6arra mill-pajjiż ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-fakultajiet tal-liġi fil-Komunità Franċiża tal-Belġju, li jħarrġu lill-istudenti tagħhom fid-dmirijiet ta' ġuristi fis-sistema legali Belġjana;

– xi komponenti edukattivi li huma meħtieġa sabiex jiġu kkompletati, fil-Komunità Franċiża tal-Belġju, studji postgraduate fil-liġi (inkluża l-liġi dwar l-obbligazzjonijiet, il-liġi dwar il-kuntratti, il-liġi amministrattiva u l-liġi industrijali) ma jiġux mgħallma bħala parti mill-[grad ta' master vokazzjonali ta' sena] li fir-rigward tagħhom qed tintalab ekwivalenza."

20. A. L. Brouillard ikkontesta d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla u d-Digrieti Rjali tal-20 ta' Settembru 2012 li ħatru tliet assistenti ġudizzjarji ġodda fil-Cour de cassation quddiem il-qorti tar-rinviju, li ssospendiet il-proċeduri u talbet deċiżjoni preliminari dwar id-domandi li ġejjin:

"(1) L-Artikoli 45 u 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-Direttiva 2005/36 [...] għandhom jiġu interpretati bħala li japplikaw f'sitwazzjoni fejn ċittadin ta' nazzjonalità Belġjana, residenti fil-Belġju u li ma eżerċitax attività professjonali fi stat Membru ieħor, jipprevalixxi ruħu [minn grad ta' master vokazzjonali ta' sena, miksub fi Franza], insostenn tat-talba tiegħu sabiex jipparteċipa f'kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' assistenti ġudizzjarju mal-Cour de cassation Belġjana?

(2) Il-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju mal-Cour de cassation Belġjana, li fir-rigward tagħha l-Artikolu 259k tal-Kodiċi ġudizzjarju jipprevedi li l-ħatra hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-applikant għandu jkollu dottorat jew grad fil-liġi, hija funzjoni regolata fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/36 […]?

(3) Il-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju mal-Cour de cassation […] tikkostitwixxi impjieg mal-amministrazzjoni pubblika fis-sens tal-Artikolu 45(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni tal-Artikoli 45 u 49 ta' dan it-Trattat kif ukoll id-Direttiva 2005/36 […] hija għaldaqstant eskluża mill-Artikolu 45(4) [TFUE]?

(4) Jekk l-Artikoli 45 u 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-Direttiva 2005/36 […] huma applikabbli għal dan il-każ, dawn ir-regoli għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu lill-bord tal-għażla għar-reklutaġġ tal-assistenti ġudizzjarji mal-Cour de cassation milli jissuġġetta l-parteċipazzjoni f'din il-kompetizzjoni għall-pussess ta' dottorat jew ta' grad fil-liġi maħruġ minn università Belġjana jew għar-rikonoxximent, mill-Komunità Franċiża, kompetenti fil-qasam tal-edukazzjoni, tal-ekwivalenza akkademika ta' [grad ta' master vokazzjonali ta' sena] ma' dottorat, grad jew master fil-liġi maħruġ minn università Belġjana?

[5] Jekk l-Artikoli 45 u 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-Direttiva 2005/36 […] huma applikabbli għal dan il-każ, dawn ir-regoli għandhom jiġu interpretati bħala li jimponu fuq il-bord tal-għażla għar-reklutaġġ tal-assistenti ġudizzjarji mal-Cour de cassation l-obbligu li jipparaguna l-kwalifiki tar-rikorrent, li jirriżultaw mill-gradi tiegħu kif ukoll mill-esperjenza professjonali tiegħu, ma' dawk li jirrendi dottorat jew grad fil-liġi maħruġ minn università Belġjana u, fejn xieraq, li jimponi fuqu miżura kumpensatorja msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2005/36?"

21. A. L. Brouillard ikkontesta wkoll id-deċiżjoni tal-Komunità Franċiża tas-27 ta' Ottubru 2011 quddiem il-qorti tar-rinviju. Dik it-talba għal annullament, li ma tagħmilx parti mill-kawża prinċipali, ġiet miċħuda fil-15 ta' Mejju 2014.

22. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn A. L. Brouillard, mill-Gvern Belġjan u mill-Gvern Taljan u mill-Kummissjoni Ewropea. A. L. Brouillard, il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet orali fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2015.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

23. Bl-ewwel tliet domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-prinċipji tal-libertà ta' moviment u d-Direttiva 2005/36 japplikawx fil-kawża prinċipali. Ser neżamina l-ewwel nett jekk il-fatti fil-kawża prinċipali jikkostitwixxux sitwazzjoni purament interna, li għaliha l-Artikolu 45 TFUE ma jistax japplika (Domanda 1). Imbagħad ser nikkunsidra jekk l-Artikolu 45(4) TFUE jeskludix l-applikazzjoni tal-bqija ta' dak l-artikolu u tad-Direttiva 2005/36 fil-kawża prinċipali (Domanda 3). Imbagħad neżamina jekk il-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation hijiex "professjoni rregolata" fis-sens tad-Direttiva 2005/36 (Domanda 2). Ir-risposta għal din id-domanda tiddetermina jekk dik id-direttiva tapplikax fil-kawża prinċipali.

24. Id-Domandi 4 u 5 għandhom jiġu eżaminati flimkien. Essenzjalment, huma jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk il-prinċipji ta' moviment liberu u d-Direttiva 2005/36, jekk japplikaw fil-kawża prinċipali, jipprekludux lill-Bord tal-Għażla milli jiċħad l-applikazzjoni ta' A. L. Brouillard sabiex jieħu sehem fil-kompetizzjoni għall-motiv li ma kellux il-kwalifiki akkademiċi meħtieġa *mingħajr* ma jqabbel dawn tal-aħħar mat-tagħrif u l-kompetenzi ta' A. L. Brouillard li jirriżultaw mid-diplomi u mill-esperjenza professjonali tiegħu, u fejn xieraq, jimponi fuqu miżura kompensatorja skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2005/36.

25. Hemm tliet punti preliminari li għandhom isiru qabel ma tiġi indirizzata waħda minn dawn id-domandi.

26. L-ewwel nett, naqbel mal-Gvern Belġjan u mal-Gvern Taljan li l-kawża prinċipali tirrigwarda aċċess għal impjieg fl-amministrazzjoni pubblika fil-Belġju pjuttost milli aċċess għal attività indipendenti f'dak l-Istat Membru. L-Artikolu 49 TFUE ma huwiex, għalhekk, rilevanti; u ser nillimita l-analiżi tiegħi għall-Artikolu 45 TFUE u għad-Direttiva 2005/36.

27. Wara dan, il-qorti tar-rinviju tidher li assumiet li l-Artikoli 4 u 13(1) tad-Direttiva 2005/36 għandhom effett dirett vertikali u li A. L. Brouillard huwa, għalhekk, intitolat jinvoka direttament dawk id-dispożizzjonijiet fil-kawża prinċipali. Din is-suppożizzjoni hija korretta. Dawn id-dispożizzjonijiet jitolbu f'termini inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jippermettu lil persuna ssegwi hemmhekk, bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu, professjoni li tkun suġġetta għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi jekk dik il-persuna tkun ikkwalifikata sabiex teżerċita l-istess professjoni fi Stat Membru ieħor [11].

11 — Ara, b'analoġija, is-sentenzi Beuttenmüller, C-102/02, EU:C:2004:264, punt 55 [dwar l-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 89/48], u Aslanidou, C-142/04, EU:C:2005:473, punt 33 [dwar l-Artikolu 3(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali sabiex tiġi ssupplimentata d-Direttiva 89/48 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 47), li essenzjalment jikkorrispondi għall-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 89/48].

28. Fl-aħħar nett, id-Direttiva 2005/36 ma tarmonizzax il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' professjonijiet irregolati fl-Istati Membri. Minflok, dik id-direttiva tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rikonoxximent għal kwalifiki professjonali. Hija tippermetti lill-benefiċjarji jiksbu aċċess fl-Istat Membru ospitanti għall-istess professjoni rregolata bħal dik li għaliha huma kkwalifikati fl-Istat Membru tal-oriġini u li jeżerċitawha fl-Istat Membru ospitanti bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat [12]. Jekk wieħed jassumi li l-kundizzjonijiet l-oħra kollha għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36 huma ssodisfatti (*inter alia*, li l-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation hija "professjoni rregolata"), A. L. Brouillard ikun jista', għalhekk, jistrieħ fuq dik id-direttiva biss jekk ikollu l-kwalifiki professjonali meħtieġa sabiex jeżerċita attivitajiet fi Franza paragunabbli ma' dawk ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation [13]. Madankollu, fil-fehma tiegħi l-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation tal-Belġju ma hijiex professjoni rregolata, b'tali mod li d-Direttiva 2005/36 ma tapplikax fil-kawża prinċipali [14]. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tieħu l-istess pożizzjoni, il-qorti tar-rinviju ma jkollhiex għalfejn tindirizza din il-kwistjoni.

Il-fatti fil-kawża prinċipali jikkostitwixxu "sitwazzjoni purament interna" li ma hijiex koperta mill-Artikolu 45 TFUE? (Domanda 1)

29. Il-Gvern Belġjan isostni li l-Artikolu 45 TFUE ma japplikax fil-kawża prinċipali, li ma għandhiex rabta suffiċjenti mad-dritt tal-UE. Għalkemm A. L. Brouillard jibbaża t-talba tiegħu sabiex jieħu sehem fil-kompetizzjoni fuq grad miksub fi Stat Membru ieħor, huwa kien segwa dak il-programm universitarju bil-korrispondenza.

30. Ma inix konvint bl-argument tal-Gvern Belġjan.

31. Hija ġurisprudenza stabbilita li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-moviment ma jistgħux jiġu applikati għal attivitajiet li huma limitati minn kull aspett għal Stat Membru wieħed [15]. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu benefiċċji liċ-ċittadini ta' Stat Membru speċifiku meta, minħabba l-fatt li dawn kienu rrisjedew legalment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u jkunu kisbu kwalifika professjonali hemmhekk, huma jkunu, fir-rigward tal-Istat tal-oriġini tagħhom, f'sitwazzjoni li tista' tiġi assimilata għal dik ta' kwalunkwe persuna oħra li tkun tgawdi d-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mid-dritt primarju tal-UE [16]. B'mod iktar ġenerali, il-moviment liberu tal-ħaddiema ma jintlaħaqx kompletament jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-benefiċċju ta' dik il-libertà liċ-ċittadini tagħhom stess li jkunu ħadu vantaġġ mid-dritt tal-UE sabiex jakkwistaw kwalifiki vokazzjonali fi Stati Membri oħra. Dan huwa minnu, b'mod partikolari, meta dawn iċ-ċittadini jkunu kisbu hemmhekk kwalifika universitarja li tissupplementa l-edukazzjoni u t-taħriġ bażiċi tagħhom u li huma jkun beħsiebhom jużaw wara li jirritornaw lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom [17].

32. A. L. Brouillard jistrieħ fuq grad li huwa kiseb minn istituzzjoni akkademika fi Franza. Għalhekk huwa eżerċita d-dritt tiegħu li jirċievi servizzi edukattivi mogħtija minn università stabbilita fi Stat Membru ieħor. F'dan l-isfond, jekk kienx hemm moviment transkonfinali fiżiku sabiex tinkiseb dik il-kwalifika vokazzjonali huwa, fil-fehma tiegħi, irrilevanti għall-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 45 TFUE japplikax fil-kawża prinċipali. Nassumu, pereżempju, li student li jirrisjedi fi Stat Membru wieħed jirċievi tagħlim mill-bogħod ipprovdut minn stabbiliment edukattiv li jkun jinsab fi

12 — Ara l-Artikoli 1 u 4 tad-Direttiva 2005/36. Fir-rigward ta' A. L. Brouillard, "l-Istat Membru ospitanti" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa fil-fatt l-Istat Membru tal-oriġini tiegħu (il-Belġju).

13 — Madankollu, dan ma jkunx jipprekludi lill-Belġju milli jitlob li huwa jikkompleta perijodu ta' adattament jew li jagħmel test ta' kapaċità skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2005/36.

14 — Ara l-punti 48 sa 57 iktar 'il quddiem.

15 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi López Brea u Hidalgo Palacios, C-330/90 u C-331/90, EU:C:1992:39, punti 7 sa 9, u Steen, C-332/90, EU:C:1992:40, punti 9.

16 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Knoors, 115/78, EU:C:1979:31, punt 24; Kraus, C-19/92, EU:C:1993:125, punt 15; u Fernández de Bobadilla, C-234/97, EU:C:1999:367, punt 30.

17 — Sentenza Kraus, C-19/92, EU:C:1993:125, punti 16 u 17.

Stat Membru ieħor. Huwa mistenni jmur f'dak l-istabbiliment biex jagħmel eżami orali finali. Madankollu, jiġri li ma jkunx jista' jivvjaġġa minħabba raġunijiet ta' saħħa. L-istabbiliment edukattiv li jipprovdi l-kors ta' korrispondenza jippermettilu jagħmel l-eżami orali mid-dar, b'vidjokonferenza. Huwa jgħaddi u jirċievi l-kwalifika vokazzjonali tiegħu. Ma nara ebda raġuni għaliex dak l-istudent ma jkunx jista' sussegwentement jibbenefika mill-Artikolu 45 TFUE kif interpretat fil-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 31 iktar 'il fuq.

33. F'kull każ, bi tweġiba għal mistoqsija li saritlu waqt is-seduta, A. L. Brouillard indika espressament li huwa kien mar l-Università ta' Poitiers fl-10 ta' Lulju 2010 sabiex jagħmel eżami orali ta' tliet sigħat. Għalkemm dwar il-fatti fl-aħħar mill-aħħar hija l-qorti nazzjonali li tiddeċiedi, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', għalhekk, tipproċedi f'dan il-każ fuq il-bażi (kważi ċerta) li kien hemm xi moviment transkonfinali fiżiku u li, fuq il-fatti, din ma hijiex sitwazzjoni purament interna.

L-Artikolu 45(4) TFUE jipprekludi l-applikazzjoni tal-bqija ta' dan l-artikolu u tad-Direttiva 2005/36 fil-kawża prinċipali? (Domanda 3)

34. Il-qorti tar-rinviju titlob gwida dwar jekk il-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation tikkostitwixxix "impjieg fl-amministrazzjoni pubblika" fis-sens tal-Artikolu 45(4) TFUE.

35. Fid-dawl tan-natura fundamentali tal-prinċipji tal-libertà ta' moviment u ta' trattament ugwali tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni ma għandux imur lil hinn mill-għan oriġinali tiegħu sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrestrinġu l-ammissjoni ta' ċittadini barranin għal ċerti pożizzjonijiet fis-servizz pubbliku, li jippreżupponi min-naħa ta' dawk li jokkupawhom l-eżistenza ta' relazzjoni speċjali ta' lealtà lejn l-Istat u r-reċiproċità ta' drittijiet u dmirijiet li jsawru l-bażi tar-rabta taċ-ċittadinanza [18]. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(4) TFUE tirrigwarda biss l-aċċess għal persuni li ma jkunux ċittadini għal ċerti pożizzjonijiet fis-servizz pubbliku ta' Stat Membru [19].

36. A. L. Brouillard huwa ċittadin *Belġjan* li qed jitlob li jkollu aċċess għal pożizzjoni fis-servizz pubbliku fil-*Belġju*. Għaldaqstant l-Artikolu 45(4) TFUE ma jistax jikkostitwixxi motiv validu għall-Belġju sabiex jiċħadlu l-protezzjoni li huwa għandu taħt l-ewwel tliet paragrafi ta' dik id-dispożizzjoni. L-Artikolu 45(4) TFUE, għalhekk, ma jipprekludix id-Direttiva 2005/36 milli tapplika għall-fatti tal-kawża prinċipali.

37. Fuq fatti differenti, tista' tkun meħtieġa soluzzjoni għall-kwistjoni dwar jekk il-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation tikkostitwixxix "impjieg fl-amministrazzjoni pubblika" fis-sens tal-Artikolu 45(4) TFUE. Il-partijiet taw attenzjoni kunsiderevoli għal din il-kwistjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħhom. Għalhekk ser nindirizzaha fil-qosor.

38. Fil-fehma tiegħi, il-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju ma tikkostitwixxix "impjieg fl-amministrazzjoni pubblika" fis-sens tal-Artikolu 45(4) TFUE.

39. Bħala deroga mill-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-ħaddiema, l-Artikolu 45(4) TFUE għandu jiġi interpretat b'mod strett [20].

18 — Sentenza Alevizos, C-392/05, EU:C:2007:251, punti 69 u 70 u l-ġurisprudenza ċċitata. Dik id-definizzjoni tibni fuq is-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja f'Nottebohm (sentenza tas-6 ta' April 1955, Second Phase, Rapporti tal-Q.I.Ġ 1955, p. 4 fil-p. 23).

19 — Ara s-sentenzi Grahame u Hollanders, C-248/96, EU:C:1997:543, punt 32, u Österreichischer Gewerkschaftsbund, C-195/98, EU:C:2000:655, punt 36.

20 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Colegio de Oficiales de la Marina Mercante Española, C-405/01, EU:C:2003:515, punti 41, u Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-460/08, EU:C:2009:774, punt 29.

40. Fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju [21], il-Gvern Belġjan argumenta li "impjieg fl-amministrazzjoni pubblika" huwa kunċett istituzzjonali li ma jikkorrispondix mal-"eżerċizzju ta' awtorità pubblika" f'dak li attwalment huwa l-Artikolu 51 TFUE [22]. Dak li huwa rilevanti fil-fehma tiegħu huwa, għalhekk, l-identità ta' min jimpjega pjuttost milli n-natura tal-attivitajiet eżerċitati mill-impjegat.

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx dan l-argument u għażlet li tadotta interpretazzjoni funzjonali tal-kunċett ta' "impjieg fl-amministrazzjoni pubblika". L-Artikolu 45(4) TFUE japplika biss sa fejn il-ħaddiem ikkonċernat (1) jieħu sehem direttament jew indirettament fl-eżerċizzju ta' setgħat mogħtija mid-dritt pubbliku u (2) iwettaq kompiti li jinvolvu dmirijiet intiżi sabiex iħarsu l-interessi ġenerali tal-Istat u, b'mod iktar ġenerali, tal-awtoritajiet pubbliċi [23]. Dak li huwa rilevanti, għaldaqstant, huwa jekk pożizzjoni tkunx tipika jew le tal-attivitajiet speċifiċi tas-servizz pubbliku sa fejn l-eżerċizzju ta' setgħat mogħtija mid-dritt pubbliku u r-responsabbiltà għall-ħarsien tal-interessi ġenerali tal-Istat ikunu vestiti fih [24].

42. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja, jiena ma naqbilx mal-Gvern Belġjan u mal-Gvern Taljan li impjieg bħala assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation tal-Belġju jissodisfa l-ewwel kundizzjoni.

43. Kif naraha jiena, il-pożizzjonijiet tal-Ewwel President, President u mħallef fil-Cour de cassation minn naħa, u dawk ta' Avukat tal-Kuruna Prinċipali, l-Ewwel Avukat Ġenerali u avukati ġenerali f'dik il-qorti min-naħa l-oħra, huma tabilħaqq tipiċi tal-attivitajiet speċifiċi tas-servizz pubbliku ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja [25]. Dawn il-pożizzjonijiet jinvolvu t-teħid ta' deċiżjoni fuq appelli pendenti quddiem il-Cour de cassation, li hija l-qorti tal-aħħar istanza f'kawżi ċivili u kriminali fil-Belġju, jew l-għoti ta' pariri indipendenti (opinjoni formali) dwar dawk l-appelli. Dawn il-funzjonijiet jimplikaw, barra minn hekk, dmirijiet intiżi sabiex jitħarsu l-interessi ġenerali tal-Istat billi jiġi żgurat li l-liġi tiġi osservata fil-kuntest kemm ta' tilwim bejn partijiet fil-kawża privati, kif ukoll ta' tilwim li jinvolvi awtoritajiet pubbliċi.

44. Mis-sottomissjonijiet bil-miktub u orali tal-Gvern Belġjan jidher li assistenti ġudizzjarji fil-Cour de cassation jipprovdu assistenza u sostenn lil dawk l-uffiċjali ġudizzjarji. Il-funzjoni ewlenija tagħhom tikkonsisti fl-eżami ta' kawżi pendenti quddiem dik il-qorti, it-twettiq ta' riċerka legali u assistenza lil dawk l-uffiċjali fir-redazzjoni ta' sentenzi u konklużjonijiet.

45. Il-Gvern Belġjan ikkonferma waqt is-seduta li l-assistenti ġudizzjarji fil-Cour de cassation *ma għandhomx* is-setgħa li jadottaw (u lanqas li jieħdu sehem fl-adozzjoni ta') kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja, ma jistgħux jagħmlu domandi lill-partijiet f'seduti u ma għandhomx l-aħħar kelma dwar il-motivazzjoni legali li fuqha jiġu bbażati sentenzi u konklużjonijiet. L-assistenti ġudizzjarji jwettqu l-kompiti tagħhom esklużivament taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji li għalihom jaħdmu u li waħedhom huma responsabbli għas-sentenzi u għall-konklużjonijiet li huma jagħtu. Il-funzjonijiet awżiljarji u ta' tħejjija tal-assistenti ġudizzjarji, għalhekk, jidhru li jħallu mhux mittiefes l-eżerċizzju liberu tas-setgħa ġudizzjarja minn dawk l-uffiċjali.

21 — 149/79, EU:C:1980:297.

22 — Skont dan l-artikolu, dispożizzjonijiet fit-TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment ma japplikawx għal attivitajiet li "jaqgħu, anke aċċidentalment, fl-ambitu ta' l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika". L-Artikolu 62 TFUE jipprevedi li dik l-eċċezzjoni tapplika wkoll għall-moviment liberu tas-servizzi.

23 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, 149/79, EU:C:1980:297, punt 10.

24 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, 149/79, EU:C:1980:297, punt 12.

25 — Ara dwar dan il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-52/08, EU:C:2010:514, punt 41.

46. Għaldaqstant, u għalkemm dik fl-aħħar mill-aħħar hija kwistjoni ta' fatt li għandha tiġi stabbilita mill-qorti tar-rinviju jekk ikun meħtieġ, il-kompiti ta' assistenti ġudizzjarji huma fil-fehma tiegħi wisq 'il bogħod minn dak li huwa l-qofol tas-servizz pubbliku ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex jinvolvu (anki indirettament) parteċipazzjoni fl-eżerċizzju ta' setgħat mogħtija mid-dritt pubbliku [26].

47. Is-sottomissjonijiet tal-Gvern Belġjan li l-Artikolu 310 tal-Code judiciaire jikklassifika formalment l-assistenti ġudizzjarji fil-Cour de cassation bħala "membri" ta' dik il-qorti u li huma parzjalment suġġetti għall-istess regoli statutorji bħall-imħallfin u l-uffiċjali ġudizzjarji oħra, dwar, *inter alia*, ħatriet u remunerazzjonijiet, btajjel, "privilège de juridiction" [27] u l-projbizzjoni li ma jeżerċitawx (ċerti) funzjonijiet mhux ġudizzjarji ma humiex, fil-fehma tiegħi, tali li jikkontestaw dik il-konklużjoni. Aspetti bħal dawn ma jirrigwardawx direttament in-natura tal-kompiti attwali mwettqa minn assistenti ġudizzjarji.

Il-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation tal-Belġju hija "professjoni rregolata" fis-sens tad-Direttiva 2005/36? (Domanda 2)

48. Jekk id-Direttiva 2005/36 tapplikax fil-kawża prinċipali jiddependi wkoll minn jekk il-pożizzjoni ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation hijiex "professjoni rregolata" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36. Dan, min-naħa tiegħu, jiddependi minn jekk sabiex persuna jkollha aċċess u ssegwi dik il-professjoni jkunx jeħtiġilha jkollha "kwalifiki professjonali speċifiċi" [28].

49. L-ewwel nett, il-fatt li regoli speċjali dwar is-servizz pubbliku skont id-dritt Belġjan japplikaw għal dak l-impjieg huwa irrilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk huwiex professjoni rregolata fis-sens tad-Direttiva 2005/36 [29].

50. Wara dan, l-argument tal-Gvern Belġjan li l-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju ma tidhirx fil-lista ta' professjonijiet rregolati ppubblikata mill-Kummissjoni huwa wkoll irrilevanti. Dik il-lista ma tagħmilx parti minn att vinkolanti tal-UE u hija, għalhekk, purament indikattiva.

51. Il-Kummissjoni ssostni li l-ħatra bħala assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li persuna jkollha "kwalifiki professjonali speċifiċi" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36. Il-grad ta' dottorat jew ta' liċenzjat fil-liġi jew il-grad ta' master fil-liġi huma diplomi ta' natura ġenerali, li jagħtu aċċess għal għadd kbir ta' professjonijiet. Barra minn hekk, il-proċess ta' għażla għar-reklutaġġ ta' assistenti ġudizzjarji ma jinvolvix test li jwassal għall-għoti ta' ċertifikat ta' kapaċità.

52. Naqbel ma dik l-analiżi.

53. Xi whud mid-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/36 jipprovdu gwida utli għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kwalifiki professjonali speċifiċi". Skont l-Artikolu 3(1)(b), kwalifiki professjonali jinkludu kwalifiki ċċertifikati bi prova ta' kwalifiki formali; u l-Artikolu 3(1)(ċ) jgħid li kwalifiki formali jinkludu diplomi "li jiċċertifikaw it-temma b'suċċess ta' taħriġ professjonali

26 — Ara, b'analoġija, dwar id-deroga fl-Artikolu 51 TFUE, is-sentenzi Reyners, 2/74, EU:C:1974:68, punti 53 (dwar avukati fil-Belġju); Thijssen, C-42/92, EU:C:1993:304, punt 22 (dwar "kummissarji approvati" mal-Ispettorat tal-Assigurazzjoni fil-Belġju); u Peñarroja Fa, C-372/09 u C-373/09, EU:C:2011:156, punt 44 (dwar esperti tal-qorti fi Franza).

27 — Għal ċerti reati, l-uffiċjali ġudizzjarji fil-Belġju jitressqu fl-ewwel istanza quddiem qrati tal-appell (Artikolu 479 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali).

28 — Huwa stabbilit li l-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation ma hijiex professjoni segwita mill-membri ta' assoċjazzjoni jew organizzazzjoni elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2005/36. Għalhekk ma tistax tiġi ttrattata bħala professjoni rregolata abbażi tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 3(1)(a) moqrija flimkien mal-Artikolu 3(2) ta' dik id-direttiva.

29 — Sentenza Burbaud, C-285/01, EU:C:2003:432, punti 42 u 43 u l-ġurisprudenza ċċitata.

miksub prinċiparjament [fl-Unjoni Ewropea]". Barra minn hekk, l-Artikolu 3(1)(e) tad-Direttiva 2005/36 jiddefinixxi "edukazzjoni u taħriġ regolat" bħala "kull taħriġ *li huwa speċifikatament intiż* għall-eżerċizzju ta' professjoni speċifika u li jkun fih kors jew korsijiet komplimentati, fejn jixraq, b'taħriġ professjonali, jew bi prattika bi prova jew professjonali" [30].

54. F'dan l-isfond, jidhirli li huwa ċar li mhux kull grad jista' jitqies li huwa kwalifika professjonali speċifika fis-sens tad-Direttiva 2005/36. Huma biss dawk il-gradi li huma intiżi sabiex iħejju kandidati sabiex jeżerċitaw professjoni partikolari, u li jiċċertifikaw ikkompletar b'suċċess ta' taħriġ professjonali miksub prinċipalment fl-Unjoni Ewropea, li jaqgħu taħt dak il-kunċett.

55. Il-kwalifiki akkademiċi meħtieġa għall-ħatra bħala assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation ma humiex intiżi speċifikatament sabiex iħejju persuni għall-pożizzjoni ta' assistent ġudizzjarju f'dik il-qorti iżda sabiex jagħtu aċċess għal firxa wiesgħa ta' professjonijiet. Minħabba n-natura ġenerali tagħhom, dawk il-kwalifiki ma jiċċertifikawx ikkompletar ta' taħriġ professjonali speċifiku u, għalhekk, ma jikkostitwixxux "kwalifiki professjonali speċifiċi". Għaldaqstant A. L. Brouillard ma jistax jinvoka d-Direttiva 2005/36 fil-kawża prinċipali.

56. Il-fatt li l-assistenti ġudizzjarji jintgħażlu abbażi ta' kompetizzjonijiet li jinvolvu evalwazzjoni komparattiva tal-kandidati ma jikkontestax din il-konklużjoni. Fis-sentenza Rubino, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li wieħed jirnexxi fi proċedura intiża għall-għażla ta' numru ddefinit minn qabel ta' persuni fuq il-bażi ta' evalwazzjoni komparattiva, pjuttost milli permezz tal-applikazzjoni ta' kriterji assoluti, u li tagħti kwalifika li tkun valida għal perijodu limitat ta' żmien, ma jistax jitqies bħala kwalifika professjonali fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 2005/36 [31].

57. Il-konklużjoni li jien wasalt għaliha lanqas ma hija kkontestata bir-regola tal-Artikolu 259l tal-Code judiciaire li l-ħatra ta' assistenti ġudizzjarji fil-Cour de cassation issir finali tliet snin wara li jidħlu fil-kariga. Huwa minnu li, f'ċerti ċirkustanzi, taħriġ obbligatorju matul ċertu perijodu jista' jikkontribwixxi sabiex professjoni tiġi kklassifikata bħala rregolata. Fis-sentenza Burbaud, pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li impjieg bħala maniġer fis-servizz pubbliku tal-isptarijiet fi Franza kien jikkostitwixxi professjoni rregolata. Dik il-konklużjoni kienet ibbażata essenzjalment fuq il-fatt li l-liġi Franċiża kienet tirriżerva aċċess għal dik il-professjoni lil dawk li kienu tħarġu u kkompletaw kors fl-École nationale de la santé publique u jkunu għaddew minn eżami finali li jiċċertifika li huma kellhom it-tagħlim teoretiku u prattiku meħtieġ sabiex jaħdmu fit-tmexxija ta' sptarijiet [32]. Madankollu dawk ir-rekwiżiti ma humiex paragunabbli ma' dawk stabbiliti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali f'dan il-każ. Il-Gvern Belġjan ikkonferma fis-seduta li dawn id-dispożizzjonijiet ma jistabbilixxux programm ta' taħriġ speċifiku li fi tmiemu kandidati li jirnexxu jirċievu attestazzjoni li huma jkollhom il-kwalifika professjonali meħtieġa. Kif jissuġġerixxi l-kliem tal-Artikolu 259l, il-perijodu ta' tliet snin wara l-ħatra inizjali huwa pjuttost maħsub bħala perijodu ta' prova, sabiex l-uffiċjali ġudizzjarji li l-assistenti ġudizzjarji jassistu jkunu jistgħu jivverifikaw li huma jwettqu debitament il-kompiti tagħhom, u, għalhekk, sabiex jieħdu pożizzjoni dwar jekk il-ħatra tagħhom għandhiex issir finali [33].

30 — Enfasi miżjuda.

31 — Sentenza Rubino, C-586/08, EU:C:2009:801, punt 32.

32 — Sentenza Burbaud, C-285/01, EU:C:2003:432, punti 44 sa 53.

33 — Dak il-perjodu huwa, għalhekk, mhux paragunabbli mal-perijodu ta' prattika meħtieġ sabiex persuna tiġi ammessa fl-Assoċjazzjoni tal-Avukatura. Ara s-sentenzi Morgenbesser, C-313/01, EU:C:2003:612, punt 51, u Peśla, C-345/08, EU:C:2009:771, punt 23.

Liema obbligi kien jimponi l-Artikolu 45 TFUE fuq il-Bord tal-Għażla? (Domandi 4 u 5)

58. Jiena kkonkludejt li d-Direttiva 2005/36 ma tapplikax fil-kawża prinċipali. L-analiżi tiegħi tad-Domandi 4 u 5 hija, għalhekk, limitata għall-Artikolu 45 TFUE. Din id-dispożizzjoni kienet teħtieġ li l-Bord tal-Għażla jivverifika jekk il-kwalifiki akkademiċi ta' A. L. Brouillard, flimkien mal-esperjenza professjonali tiegħu, kinux jipprovduh bit-tagħrif u l-kompetenzi ekwivalenti għal dawk iċċertifikati minn grad ta' dottorat, liċenzjat jew master fil-liġi mogħtija minn università Belġjana?

59. Fl-assenza ta' kundizzjonijiet armonizzati ta' aċċess għall-professjoni inkwistjoni, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix Stat Membru milli jissuġġetta l-ħatra għall-funzjoni ta' assistent ġudizzjarju f'waħda mill-qrati tiegħu għall-kundizzjoni li l-persuna jkollha tagħrif u kwalifiki speċifiċi li juru li hija tkun adatta għal dik il-funzjoni [34]. Din il-kompetenza għandha, madankollu, tiġi eżerċitata b'mod li josserva l-libertajiet bażiċi ggarantiti mit-Trattati [35].

60. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-awtoritajiet ta' Stat Membru, meta jqisu talba sabiex persuna tiġi ammessa għal professjoni li l-aċċess għaliha, skont id-dritt nazzjonali, ikun jiddependi minn jekk ikollhiex diploma jew kwalifika professjonali partikolari, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-kwalifika professjonali tal-persuna kkonċernata billi jqabblu l-kwalifiki ċċertifikati mid-diplomi, ċertifikati u kwalifiki formali oħra tagħha u l-esperjenza professjonali rilevanti tagħha mal-kwalifiki professjonali meħtieġa mir-regoli nazzjonali għall-eżerċizzju tal-professjoni inkwistjoni [36].

61. Il-proċedura ta' eżami għandha tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat jiżguraw ruħhom, fuq bażi oġġettiva, li d-diploma barranija tkun tiċċertifika li d-detentur tagħha jkollu tagħrif u kwalifiki li jkunu, jekk mhux identiċi, għall-inqas ekwivalenti għal dawk iċċertifikati mid-diploma nazzjonali. Din l-evalwazzjoni għandha ssir esklużivament fid-dawl tal-livell ta' tagħrif u kwalifiki li dik il-persuna tista' tkun preżunta li għandha abbażi ta' dik id-diploma, fid-dawl tan-natura u t-tul tal-istudji u t-taħriġ prattiku li magħhom id-diploma hija marbuta [37]. Barra minn hekk, it-tagħrif iċċertifikat mid-diploma mogħtija fi Stat Membru ieħor, u l-kwalifiki u/jew l-esperjenza ta' xogħol miksuba fi Stati Membri oħra, flimkien mal-esperjenza miksuba fl-Istat Membru li fih il-kandidat jitlob li jiġi rreġistrat, għandhom jiġu eżaminati b'rabta mal-kwalifika professjonali meħtieġa mir-regoli tal-Istat Membru ospitanti [38].

62. Sa fejn l-esperjenza prattika kollha fl-eżerċizzju tal-attivitajiet relatati mal-professjoni li għaliha jkun qed jintalab aċċess tista' żżid it-tagħrif ta' applikant, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenza prattika kollha li tkun utli fl-eżerċizzju ta' dik il-professjoni. Hija l-awtorità kompetenti nazzjonali li għandha tiddetermina l-valur preċiż ta' esperjenza bħal din fid-dawl tal-funzjonijiet speċifiċi eżerċitati, it-tagħrif miksub u applikat fl-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet, ir-responsabbiltajiet meħuda u l-livell ta' indipendenza mogħtija lill-persuna kkonċernata [39].

63. Matul dan l-eżami, Stat Membru jista' jieħu inkunsiderazzjoni differenzi oġġettivi relatati kemm mal-kuntest legali tal-professjoni inkwistjoni fl-Istat Membru tal-oriġini, kif ukoll mal-qasam tal-attività tagħha [40]. Fil-każ ta' professjonijiet legali, Stat Membru jista', għalhekk, jagħmel eżami komparattiv ta' diplomi, billi jieħu inkunsiderazzjoni d-differenzi identifikati bejn is-sistemi legali

34 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Vlassopoulou, C-340/89, EU:C:1991:193, punt 9 u l-ġurisprudenza ċċitata, u Fernández de Bobadilla, C-234/97, EU:C:1999:367, punt 11.

35 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Mac Quen *et*, C-108/96, EU:C:2001:67, punti 24 u 25.

36 — Ara s-sentenzi Vlassopoulou, C-340/89, Ġabra, EU:C:1991:193, punt 16, u Morgenbesser, C-313/01, EU:C:2003:612, punt 57.

37 — Ara s-sentenzi Vlassopoulou, C-340/89, EU:C:1991:193, punt 17, u Morgenbesser, C-313/01, EU:C:2003:612, punti 66 u 68.

38 — Sentenza Peśla, C-345/08, EU:C:2009:771, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata.

39 — SentenzaVandorou *et*, C-422/09, C-425/09 u C-426/09, EU:C:2010:732, punti 67 sa 69.

40 — Fir-rigward ta' A. L. Brouillard, "l-Istat Membru tal-oriġini" tiegħu huwa fil-fatt Franza, fejn kiseb il-grad ta' master vokazzjonali ta' sena li fuqu jistrieħ fil-kawża prinċipali. "L-Istat Membru ospitanti" tiegħu huwa l-Belġju (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 12 iktar 'il fuq).

nazzjonali inkwistjoni. Jekk il-paragun jiżvela li t-tagħrif u l-kwalifiki ċċertifikati permezz tad-diploma barranija u dawk meħtieġa mid-dispożizzjonijiet nazzjonali jkunu jaqblu parzjalment biss, l-Istat Membru ospitanti jkun intitolat jitlob li l-persuna kkonċernata turi li hija tkun kisbet (pereżempju permezz ta' esperjenza professjonali) it-tagħrif u l-kwalifiki li jkunu nieqsa [41].

64. Fil-kawża prinċipali, A. L. Brouillard ma jidhirx li kiseb dak li huwa meqjus fil-Belġju bħala edukazzjoni legali sħiħa. B'mod partikolari, huwa kkonferma fis-seduta li l-grad vokazzjonali ta' sena li l-Università ta' Poitiers kienet tatu ma kien jinkludi l-ebda kors fid-dritt Belġjan. Huwa ammetta wkoll li dik id-diploma ma kinitx tkopri korsijiet fil-liġi amministrattiva u fil-liġi industrijali, li skont il-kumitat tal-ekwivalenza tal-Komunità Franċiża huma meħtieġa sabiex jiġu kkompletati studji postgraduate fil-liġi f'dik il-komunità.

65. Madankollu, il-grad vokazzjonali ta' sena ta' A. L. Brouillard huwa grad universitarju li jkopri ċerti aspetti ta' taħriġ legali. Għaldaqstant, huwa kellu *prima facie* għallinqas ċerta rilevanza fir-rigward tal-livell ta' kwalifika meħtieġ sabiex wieħed isir assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation.

66. Barra minn hekk, A. L. Brouillard invoka quddiem l-awtoritajiet Belġjani mhux biss il-kwalifiki akkademiċi tiegħu iżda wkoll l-esperjenza professjonali tiegħu kollha sabiex jistabbilixxi li huwa kien jikkwalifika għal dik il-funzjoni [42]. Huwa tal-fehma li l-impjieg tiegħu għal diversi snin fis-servizz ta' dokumentazzjoni u allinjament ta' testi tal-Cour de cassation, li jkopri parti kbira tal-attivitajiet imwettqa minn assistenti ġudizzjarji, flimkien mal-kwalifiki akkademiċi tiegħu, jipprovduh b'tagħrif u b'kompetenzi ekwivalenti għal dawk meħtieġa għal ħatra bħala assistent ġudizzjarju.

67. F'dan l-isfond [43], il-Bord tal-Għażla kellu l-obbligu li jeżamina jekk it-tagħrif u l-kompetenzi li A. L. Brouillard kien kiseb permezz tal-esperjenza professjonali kollha tiegħu, inkluż bħala impjegat fis-servizz ta' dokumentazzjoni u allinjament ta' testi tal-Cour de cassation, kinux juru suffiċjentement li huwa kellu l-kwalifiki li dehru li kienu nieqsa abbażi biss tad-diplomi tiegħu.

68. Jidhirli li huwa dubjuż jekk id-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex konsistenti ma' dawn il-prinċipji, sa fejn il-Bord tal-Għażla jidher li bbaża ruħu esklużivament fuq il-fatt li A. L. Brouillard ma kellux il-kwalifiki akkademiċi meħtieġa għal ħatra bħala assistent ġudizzjarju. Madankollu, dan huwa punt li għandu jiġi deċiż mill-qorti tar-rinviju, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ.

Konklużjoni

69. Għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej b'risposta għad-domandi magħmula mill-Conseil d'État (il-Belġju):

(1) L-Artikolu 45 TFUE japplika f'sitwazzjoni fejn, sabiex jieħu sehem f'kompetizzjoni għar-reklutaġġ ta' assistenti ġudizzjarji fil-Cour de cassation tal-Belġju, ċittadin Belġjan li jirrisjedi fil-Belġju u li qatt ma jkun eżerċita attività professjonali fi Stat Membru ieħor jibbaża ruħu, *inter alia*, fuq kwalifika mogħtija lilu minn università Franċiża.

(2) Stat Membru ma jistax jibbaża ruħu fuq l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 45(4) TFUE kontra ċittadin tiegħu stess; għaldaqstant, is-sitwazzjoni deskritta hawn fuq ma hijiex eskluża minħabba dak il-motiv mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.

41 — Sentenzi Vlassopoulou, C-340/89, EU:C:1991:193, punti 18 sa 20, u Morgenbesser, C-313/01, EU:C:2003:612, punti 69 sa 71.

42 — Dan jidher li huwa kkonfermat mill-ittra li Brouillard bagħat lill-Ewwel President tal-Cour de cassation fl-24 ta' Mejju 2011, li tagħmel parti mill-proċess nazzjonali ddepożitat fil-Qorti tal-Ġustizzja.

43 — Il-ġurisprudenza li għamilt riferiment għaliha fil-punti 60 sa 63 iktar 'il fuq ma tistax tfisser li kull kwalifika miksuba fi Stat Membru ieħor, tkun kemm tkun ftit ir-rilevanza tagħha għall-evalwazzjoni u għall-eżerċizzju tal-professjoni kkonċernata, tagħti lok għar-rekwiżit ta' evalwazzjoni ta' esperjenza professjonali akkwistata fl-Istat Membru ospitanti jew xi mkien ieħor. Rekwiżit bħal dan ikun sproporzjonat.

(3) Impjieg bħala assistent ġudizzjarju fil-Cour de cassation tal-Belġju ma huwiex "professjoni rregolata" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2005/36.

(4) L-Artikolu 45 TFUE jipprekludi awtorità pubblika fi Stat Membru milli tirrifjuta li tammetti persuna tieħu sehem f'kompetizzjoni pubblika għar-reklutaġġ ta' assistenti ġudizzjarji għar-raġuni li hija ma jkollhiex grad ta' dottorat, liċenzjat jew master fil-liġi mogħtija minn università ta' dak l-Istat Membru jew grad miksub minn barra l-pajjiż u rrikonoxxut bħala ekwivalenti minn awtorità pubblika oħra f'dak l-Istat, mingħajr ma tivverifika jekk il-kwalifiki akkademiċi kollha tagħha, inkluża kull kwalifika mogħtija fi Stat Membru ieħor, u li hija suffiċjentement rilevanti għall-aċċess u għall-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, flimkien mal-esperjenza professjonali tagħha, jipprovduhiex b'tagħrif u b'kompetenzi ekwivalenti.